



Brussell, 11 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9520/21

AGRI 262
AGRILEG 121
PHYTOSAN 23

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni u l-għażliet tal-Unjoni rigward l-introduzzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku fit-territorju tal-Unjoni u proposta, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju – <i>Adozzjoni</i>

1. L-Aġenti ta' Kontroll Bijoloġiku (BCAs) huma alternattiva sostenibbli għall-użu ta' prodotti kimiċi fil-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u komponent fundamentali tal-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara (IPM). Bħalissa hemm differenzi sinifikanti fl-approċċ fost l-Istati Membri fir-rigward tal-valutazzjoni, l-użu u t-tqegħid fis-suq tal-BCAs u qafas tal-UE aktar armonizzat jista' jżid id-disponibbiltà tagħhom u jggarantixxi l-użu sikur tagħhom.

2. Bil-ħsieb ta' dan, fit-12 ta' Frar 2021 il-Preżidenza ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Uffiċjali Kapijiet fil-Qasam tas-Saħħa tal-Pjanti (COPHS) l-eżitu ta' kwestjonarju li kien intbagħat lid-delegazzjonijiet li juri d-diversità tar-regoli tal-Istati Membri u appoġġ wiesa' għall-idea li l-UE għandha tikkunsidra l-iżvilupp ta' kriterji komuni dwar l-importazzjonijiet u r-rilaxx ta' BCAs. Il-Preżidenza ressqet ukoll proposta bbażata fuq l-Artikolu 241 TFUE li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni u l-għażliet tal-Unjoni rigward l-importazzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku fit-territorju tal-Unjoni u proposta, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju.
3. Fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-22-23 ta' Marzu 2021 il-Ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar din il-kwistjoni abbażi ta' nota ta' spjegazzjoni¹ u appoġġaw b'mod ġenerali l-inizjattiva tal-Preżidenza li titlob l-istudju tal-Kummissjoni.
4. Fit-30 ta' Marzu 2021, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri/Attachés (Kwistjonijiet Fitosanitarji) eżamina t-test tal-abbozz ta' deċiżjoni u qabel permezz ta' proċedura ta' silenzju informali dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fid-dokument WK 4166/2021 REV 3.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - jikkonferma, b'maġġoranza sempliċi, il-qbil mil-huq mill-Grupp ta' Ħidma; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - jadotta, b'maġġoranza sempliċi, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 9112/21 (test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti); u
 - jiddeċiedi li jippubblikah fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE (serje "L") malajr kemm jista' jkun.

¹ 6645/21